# LIS-SIGARRETT

(ĊAJTA)

*Fugit velut umbra...*
*Terra et cinis.*

Fettul żgħir, coss q'għed ngħid jiena
inti tixbhu koċċ lill-bniedem,
—dan ngħidulek rasi u rasek,
għax inkella nara l-gdiedem—

Ħares ftit: int tħobb tiżżejjen,
tmur mal-moda ta' kull żmien;
isem ħlejju jogħġbok ħafna,
*Boxsa*, *Dubec* u x'naf jien.

Anki l-bniedem ftit tal-fruħa
mad-demm tiġri jħoss ġo fih:
iħobb jidher, jixtieq jogħġob,
jaħseb biss li jkun sabiħ,

u t-tnejn għandkom ħajja ċkejkna
li tfittixha u ma tinsab:
ftit duħħan li jtir ma' l-ajru,
ftit irmied li jmur mat-trab.

**Dun Karm**